31982D0461

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' Ġunju 1982
li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji ta' l-annimali selvaġġi

(82/461/KEE)

KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomika u Soċjali ([2]),

Billi programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej rigward l-ambjent kien ġie adottat bid-Dikjarazzjoni tat-22 ta' Novembru 1973 ([3]), u ssupplementat bir-Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 1977 ([4]); billi l-għan tal-politika ambjentali tal-Komunità, kif definita f'dawn l-Atti, hija li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u tipprotieġi l-ambjent;

Billi l-Kunsill adotta d-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi ([5]);

Billi l-Komunità ħadet sehem fin-negozjati għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji ta' l-annimali selvaġġi;

Billi l-konklużjoni mill-Komunità tal-Konvenzjoni hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-Komunità li tinnegozja u li tikkonkludi ftehim reġjonali li hemm provvediment dwarhom f'dik il-Konvenzjoni sal-limitu li tali ftehim ikunu jidħlu taħt il-poteri esklussivi moghtija lill-Komunità bid-Direttiva 79/409/KEE;

Billi l-konklużjoni tal-Konvenzjoni mill-Komunità timplika l-ebda estenzjoni tal-poteri eżekuttivi tal-Komunità, mingħajr preġudizzju għal xi atti legali li l-Komunità tista tadotta f'data aktar tard,

Billi, in vista tan-natura speċjali tas-sitwazzjoni fil-Groenlandja u tal-kondizzjonijiet tal-ħajja tal-popolazzjoni tagħha, il-Groenlandja għandha tkun eskluża mill-iskop tal-Konvenzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni għall-konservazzjoni ta'l-ispeċje migratorji ta' l-annimali selvaġġi hi hawnhekk approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni hu anness ma din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-istrument ta' l-adeżjoni li hemm provvediment dwaru bl-Artikolu XVII tal-Konvenzjoni għat-territorji li dwar it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunià Ekonomika Ewropea huwa applikabbli, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-Groenlandja.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

F. AERTS

([1]) ĠU C 327, ta' l-14.12.1981, p. 95.
([2]) ĠU C 300, tat-18.11.1980, p. 15.
([3]) ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 1.
([4]) ĠU C 139, tat-13.6.1977, p. 1.
([5]) ĠU L 103, tal-25.4.1979, p. 1.